**20 ta' Jannar, 1986**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Albert Mizzi u Louis Grech għan-nom u in rappresentanza ta' Ħal-Ferħ *Holidays Company Limited,* Ħal-Ferħ, Għajn Tuffieħa

*versus*

Emmanuel Navarro

**Kontumaċja – Ġustifikazzjoni – Appell Minn – Proċedura – Irritwalità – Digriet Interlokutorju – Sentenza – Art. 158 tal-Kodiċi tal-Proċedura**

*Appell minn sentenza ta' l-ewwel Qorti li ammettiet li l-konvenut kontumaċi jippreżenta n-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu. L-Appell sar permezz ta' Rikors u mhux b'Nota u Petizzjoni (kien sar ukoll hekk, ara sentenza fl-istess kawża mogħtija fl-istess jum).*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat il-ġurisprudenza in materja fis-sens illi deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel dwar il-ġustifikazzjoni jew xort'oħra tal-kontumaċja ma kinitx tammonta għal sempliċi digriet interlokutorju li minnu jsir appell b'rikors skond l-art. tal-Kap. 12, imma għandha tiġi kkunsidrata bħala vera u proprja sentenza li minnha jsir appell bil-proċedura tan-nota u tal-petizzjoni ta' l-appell. L-Appell in kwantu magħmul b'rikors ġie ddikjarat irritu u null.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li permezz tiegħu l-atturi '*nomine*', wara li ppremettew illi l-konvenut kien responsabbli mill-ġestjoni tal-kafetterija/*restaurant* f'Ħal Far u dan skond it-termini u kondizzjonijiet stabbiliti fl-ittra tat-28 ta' Settembru, 1981 (Dok. "A" annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni); illi skond dawn it-termini l-konvenut kellu jħallas lill-atturi '*nomine*' r-rata ta' kera hemm indikata għall-perijodu bejn l-1 ta' Awissu, u l-31 ta' Novembru, 1981; illi l-konvenut baqagħlu jħallas is-somma ta' mitejn u wieħed u tletin lira (Lm231) bilanċ

minnu dovut bħala kera; talbu lil dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi *'nomine'* s-somma ta' mitejn u wieħed u tletin lira (Lm231) bilanċ minnu dovut f'kera skond il-ftehim; bl-imgħaxijiet mill-31 ta' Ottubru, 1981 u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Ottubru, 1982, u ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Ġunju, 1982, kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat li l-konvenut għalkemm debitament innotifikat bl-att taċ-ċitazzjoni ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet fiż-żmien preskritt fl-artikolu 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat li l-konvenut ġie debitament innotifikat bl-avviż tas-smigħ tal-kawża;

Rat id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Ġunju, 1984, li ddikjarat li l-konvenut irnexxielu jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u għalhekk tagħtu sad-29 ta' Ġunju, 1984, biex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali, u dan wara li kkunsidrat illi:

Iċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut fit-22 ta' Novembru, 1983, iżda dan baqa' ma ppreżentax nota ta' eċċezzjonijiet. Il-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Jannar, 1984 u f'din is-seduta dehru l-konvenut assistit minn difensur u talab li jiġġustifika l-kontumaċja. Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti liema kien il-perijodu li fih il-konvenut seta' jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet. Dan il-perijodu jikkonsisti fl-20 ġurnata min-notifika tal-konvenut u ċjoè mit-22 ta' Novembru, 1983, sat-12 ta' Diċembru, 1983;

Il-konvenut qiegħed jipprova jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu billi jgħid li hu kien marid tant li ma setax iqabbad Avukat biex jikkontesta l-kawża billi jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet. Skond ix-xhud tal-konvenut stess huwa ħalla xi sebat ijiem jgħaddu għalxejn malli rċeiva ċ-ċitazzjoni. Wara mar il-Qorti jkellem lill-Avukat ta' l-attur fuq il-kawża. Dan qallu biex imur isib Avukat. Dan baqa' sejjer għax-xogħol. Wara xi jumejn ħareġ bis-*Sick Leave* billi kellu uġigħ kbir f'dahru fin-nerv, li kien iżommu milli jimxi. Dam tliet ijiem marid u wara reġa' daħal jaħdem però l-*Manager* bagħtu d-dar għax kien marid. Wara erbat ijiem id-dar hu reġa' daħal għax-xogħol però billi kien għadu marid il-*Manager* reġa' baghtu d-dar u din id-darba dam aktar minn 25 ġurnata fis-sodda. Fil-fatt il-konvenut iġġustifika biss li nofs il-perijodu biss mogħti lilu biex jirrispondi hu kien ma jiflaħx. F'okkażjoni minnhom biss hu kien mar il-Qorti jkellem lill-Avukat ta' l-attur u kif kien hemm seta' bil-libertà kollha jagħmel kif qallu l-istess u ċjoè jkellem lill-Avukat tiegħu;

L-artikolu 158(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li fi żmien 20 ġurnata min-notifika biex jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet. Skond l-istess artikolu 158 paragrafu 9 *"If the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in this Section, the Court shall give judgment as if the defendant failed to appear to the summons unless he shows to the satisfaction of the Court a reasonable excuse for his default in filing the statement and declaration within the prescribed time"*;

Minn eżami tal-ġurisprudenza nostrali – dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, ġie ritenut li impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi bħal per eżempju l-impossibbilità li wieħed jidher

għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika. Huwa fatt però li ma tistax tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża. Hawnhekk jinkombi lill-Qorti biex teżamina l-aġir tal-konvenut biex tara almenu f'dan il-każ il-kontumaċja kinitx kolpuża;

Huwa fatt li l-konvenut ħalla jgħaddu għaxart ijiem għalxejn meta seta' faċilment fihom jieħu l-passi meħtieġa skond il-liġi biex jikkontesta l-azzjoni attriċi. Huwa fatt ukoll illi hu fil-fatt l-ewwel sebat ijiem biss li ħalla jgħaddu għalxejn, għaliex imbagħad mar ikellem lid-difensur ta' l-attur li bil-korrettezza kollha rikjesta mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu bagħtu għand l-Avukat tiegħu. Wara, lill-konvenut issuċċedielu ħafna gwaj. Infatti t-Tabib Cecil Paris, xehed li hu kien ibati minn spażmi muskolari qawwija li jimpeduh milli jimxi. Infatti meta jagħtih l-attakk akut il-konvenut ma jkunx jista' jiċċaqlaq. Il-konvenut ġralu hekk inaspettat fit-tieni nofs tal-perijodu ta' żmien li fih seta' jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax din bħala raġuni tajba għan-nuqqas tal-preżentata ta' eċċezzjonijiet. B'ebda mod ma jista' jingħad, minħabba l-attakk tal-marda li l-konvenut isfori minnha, li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' negliġenza bl-aġir tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-atturi *'nomine'* li permezz tiegħu interponew appell minn dik id-deċiżjoni u talbu lil din il-Qorti tirrevoka "d-digriet ippreċitat tal-Qorti tal-Kummerċ tat-22 ta' Ġunju, 1984, fejn akkoljiet id-domanda tal-konvenut biex jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet", bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li ssottometta

preliminarjament illi l-appell huwa irritu *stante* illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ppronunzjatx ruħha permezz ta' digriet interlokutorju dwar *il-purgazzjoni tal-kontumaċja*, *kif* jikkontendu l-atturi *'nomine'*, iżda tat sentenza *'in parte'* u b'hekk il-proċedura użata mill-appellanti atturi *'nomine'* li appellaw b'rikors, m'hix il-proċedura korretta;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Bid-deċiżjoni appellata l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif jirriżulta mill-istess deċiżjoni, iddikjarat li l-konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu u tatu terminu biex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, dak li l-konvenut għamel fit-terminu lilu prefiss mill-Qorti;

B'din id-deċiżjoni, għalhekk, dik il-Qorti ddefiniet il-kwistjoni tal-kontumaċja b'mod li hija stess ma tistax fi stadju ieħor tal-kawża quddiemha tiddeċidi kuntrarjament għal dak li diġà ddeċidiet u tiddikjara lill-konvenut kontumaċi;

Din il-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet "Bonnici *vs* Huber" deċiża fid-9 ta' Novembru, 1931 (Vol. XXVIII.I.164) irriteniet illi: *"come venne più volte giudicato da questo tribunale* (XXIV.I.582; XXVI.I.115, 164) *il proprio e vero carattere distintivo della sentenza definitiva è quello per cui vieni definita una questione riguardante l'azione, il merito o la procedura, talmenta che nessuna altra sentenza sulla questione definita può essere profferita dallo stesso tribunale dopo che si fosse*

*pronunciato su tale questione'', ''la Corte di primo grado non possa decidere di nuovo la detta questione da essa definita e in senso contrario alla sua primiera conclusione; motivo questo perchè si debba considerare il suo pronunciamento come una vera e proprio sentenza, appellabile mediante nota e petizione e non con una semplice ricorso'';*

Anke kif ippreżentat komposta din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tad-29 ta' Frar, 1984, fil-kawża ''Dr. Paul Pullicino *noe* *vs* Adrian Mifsud *noe*'', irriteniet illi deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li, f'dak il-każ, iddikjarat li l-konvenut ma kienx iġġustifika l-kontumaċja ''ma tistax tiġi kkunsidrata li tammonta għal sempliċi digriet interlokutorju li minnu jsir appell b'rikors skond l-artikolu 227 tal-Kap. 15, imma għandha tiġi kkunsidrata bħala li hija vera u proprja sentenza li minnha jsir appell bil-proċedura tan-nota u tal-petizzjoni ta' l-appell'';

Għal dawn il-motivi, għalhekk tiddeċidi billi tiddikjara l-appell, in kwantu magħmul b'rikors, irritu u null, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti *nomine*.